

32002L0085

L 327/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

4.12.2002

**ID-DIRETTIVA 2002/85/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****tal-5 ta' Novembru 2002****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE dwar l-installazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur fil-Komunità**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 71 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(2)</sup>,

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(3)</sup>,

Billi:

- (1) Is-sigurtà fit-trasport u t-temi ambjentali konnessi mat-trasport huma vitali biex jassiguraw mobilità sostenibbli.
- (2) L-użu ta' apparati li jillimitaw il-veloċità għal kategoriji ta' vetturi bil-magni l-iktar tqal kellu effett pożittiv fuq it-titjib tas-sigurtà fit-toroq. Ikkontribwixxa wkoll għall-protezzjoni ambjentali.
- (3) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE <sup>(4)</sup> tipprovdi li, jiddependi fuq possibiltajiet u esperjenzi tekniċi fl-Istati Membri, ir-rekwiżiti dwar l-installazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita il-veloċità jistgħu sussegwentement jiġu estiżi għal vetturi li jgħorru merkanzija ħafifa.
- (4) L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/6/KEE għal vetturi ta' iktar minn 3,5 tunnelli maħsuba biex jittrasportaw merkanzija jew passiġġieri kienet waħda mill-miżuri proposti mill-Kunsill fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2000 dwar it-titjib tas-sigurtà fit-triq <sup>(5)</sup>, skond il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar prijoritajiet fis-sigurtà fit-triq fl-UE.
- (5) Il-qasam ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/6/KEE għandu jiġi estiż għal vetturi tal-kategorija M<sub>2</sub>, għal vetturi tal-kategorija M<sub>3</sub> li jkollhom massa massima ta' iktar minn 5 tunnelli imma li ma jaqbżux l-10 tunnelli u għall-vetturi tal-kategorija N<sub>2</sub>.

- (6) Ladarba l-oġġettivi ta' l-azzjoni proposta, partikolarment l-introduzzjoni ta' modifiki għall-arranġamenti tul il-Komunità għall-installazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità fuq ċerti kategoriji ta' vetturi tqal, ma jistgħu jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, għar-raġuni ta' l-iskala jew l-effetti ta' l-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.
- (7) Id-Direttiva 92/6/KEE għandha għalhekk tiġi emendata kif adattat,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 92/6/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. L-Artikoli 1 sa 5 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, 'vettura bil-mutur' tfisser kull vettura li bl-enerġija li taqa' taħt il-kategorija M<sub>2</sub>, M<sub>3</sub>, N<sub>2</sub> jew N<sub>3</sub>, maħsuba għall-użu fit-triq u li jkollha mill-inqas erba' roti u veloċità massima li taqbeż il-25km/h.

Kategoriji M<sub>2</sub>, M<sub>3</sub>, N<sub>2</sub> u N<sub>3</sub> għandhom jinftehemu bħala dawk definiti fl-Anness II tad-Direttiva 70/156/KEE (\*).

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jassiguraw li l-vetturi bil-mutur tal-kategoriji M<sub>2</sub> u M<sub>3</sub> msemmija fl-Artikolu 1 jistgħu jintużaw fit-triq biss jekk mgħammra b'apparat li jillimita l-veloċità magħmul b'tali mod li l-veloċità tagħhom ma tkunx tista' taqbeż il-100 kilometru fis-siegħa.

Vetturi tal-kategorija M<sub>3</sub> irreġistrati qabel l-1 ta' Jannar 2005 b'massa massima li teċċedi l-10 tunnelli jistgħu jibqgħu jiġu mgħammra b'apparat li fuqhom il-veloċità massima hija stabbilita f'100 kilometru fis-siegħa.

<sup>(1)</sup> ĠU C 270 E, tal-25.9.2001, p. 77.

<sup>(2)</sup> ĠU C 48, tal-21.2.2002, p. 47.

<sup>(3)</sup> L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2002 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 (ĠU C 228 E, tal-25.9.2002, p. 14) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Settembru 2002 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(4)</sup> ĠU L 57, tat-2.3.1992, p. 27.

<sup>(5)</sup> ĠU C 218, tal-31.7.2000, p. 1.

**Artikolu 3**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jassiguraw li l-vetturi bil-mutur tal-kategoriji  $N_2$  u  $N_3$  jistgħu jintużaw fit-triq biss jekk mgħammra b'apparat li jillimita l-veloċità magħmul b'tali mod li l-veloċità tagħhom ma tkunx tista' taqbeż id-90 kilometru fis-siegħa.

2. L-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati jeħtieġu li l-apparat li jillimita l-veloċità f'vetturi rreġistrati fit-territorju tagħhom u użati esklussivament għat-trasport ta' merkanzija perikoluża jkun magħmul b'tali mod li dawk il-vetturi ma jkunux jistgħu jaqgħu veloċità massima ta' inqas minn 90 kilometru fis-siegħa.

**Artikolu 4**

1. Għal vetturi bil-mutur tal-kategorija  $M_3$  li għandhom massa massima ta' iktar minn 10 tunnelli u vetturi bil-mutur tal-kategorija  $N_3$ , l-Artikoli 2 u 3 għandhom jiġu applikati:

- (a) għal vetturi rreġistrati mill-1 ta' Jannar 1994, mill-1 ta' Jannar 1994;
- (b) għal vetturi rreġistrati bejn l-1 ta' Jannar 1988 u l-1 ta' Jannar 1994:

- (i) mill-1 ta' Jannar 1995, fil-każ ta' vetturi użati kemm għat-trasport nazzjonali u internazzjonali;
- (ii) mill-1 ta' Jannar 1996, fil-każ ta' vetturi użati esklussivament għat-trasport nazzjonali.

2. Għal vetturi bil-mutur tal-kategorija  $M_2$ , vetturi tal-kategorija  $M_2$  li għandhom massa massima ta' iktar minn 5 tunnelli imma mhux iktar minn 10 tunnelli u vetturi tal-kategorija  $N_2$ , l-Artikoli 2 u 3 għandhom japplikaw fl-iktar tard:

- (a) għal vetturi rreġistrati mill-1 ta' Jannar 2005;
- (b) għall-vetturi li jikkonformaw mal-valuri limitu stabbiliti fid-Direttiva 88/77/KEE (\*\*) rreġistrati bejn l-1 ta' Ottubru u l-1 ta' Jannar 2005:
  - (i) mill-1 ta' Jannar 2006 fil-każ ta' vetturi użati kemm għall-operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali u internazzjonali;
  - (ii) mill-1 ta' Jannar 2007 fil-każ ta' vetturi użati biss għal operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali.

3. Għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin mill-1 ta' Jannar 2005, kull Stat Membru jista' jeżenta mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 u 3 vetturi tal-kategorija  $M_2$  u vetturi tal-kategorija  $N_2$  b'massa massima ta' iktar minn 3,5 tunnelli imma li ma taqbiżx is-7,5 tunnelli, rreġistrati fir-reġistru nazzjonali u li ma jivvjaġġawx fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

**Artikolu 5**

1. L-apparati li jillimita l-veloċità msemmi fl-Artikoli 2 u 3 għandu jissodisfa ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-Anness tad-Direttiva 92/24/KEE (\*\*\*). Madankollu, l-vetturi kollha koperti minn din id-Direttiva u rreġistrati qabel l-1 ta' Jannar 2005 jistgħu jibqgħu jiġ mgħammra b'apparat li jilli-

mita l-veloċità li jissodisfa ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

2. Apparat li jillimita l-veloċità għandu jiġi installat minn *workshops* jew korpi approvati mill-Istati Membri.

(\*) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1). Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/116/KE (ĠU L 18, tal-21.1.2002, p. 1).

(\*\*) Id-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE tat-3 ta' Diċembru 1987 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw għall-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' pollutanti gassużi minn magni diesel għall-użu f'vetturi (ĠU L 36, tad-9.2.1988, p. 33). Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/27/KE (ĠU L 107, tat-18.4.2001, p. 10).

(\*\*\*) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/24/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 relatata ma' tagħmir li jillimita l-veloċità jew sistemi bħal dawn abbord li jillimitaw il-veloċità ta' ċertu kategoriji ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 129, ta' 14.5.1992, p. 154)."

2. Artikolu li ġej għandu jiġi inserit:

**"Artikolu 6a**

Bħala parti mill-programm ta' azzjoni tas-sigurtà fit-toroq għall-perijodu 2002 sa 2010, il-Kummissjoni għandha tevalwa is-sigurtà fit-toroq u l-implikazzjonijiet tat-traffiku fit-toroq għall-aġġustament ta' apparat li jillimita l-veloċità użat minn vetturi tal-kategorija  $M_2$  u minn vetturi tal-kategorija  $N_2$  b'massa massima ta' 7,5 tunnelli jew inqas għall-veloċitajiet stabbiliti b'din id-Direttiva.

Jekk neċessarju, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti approprjati."

**Artikolu 2**

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' Jannar 2005 fl-iktar tard. Għandhom jimbagħad informaw bihom lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jiġu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li bihom issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

**Artikolu 3**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

**Artikolu 4**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Novembru 2002.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

P. COX

Għall-Kunsill

Il-President

T. PEDERSEN